MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 182/2008

**Improved Design Limited (C-11291)**

**vs**

**R.C. Construction Company Limited (C-11831)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tas-socjeta’ Improved Design Limited, li permezz tieghu, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta’ rikorrenti tinsab kreditrici tas-socjeta’ intimata fis-somma kumplessiva ta’ sebat elef seba’ mija u tlieta u tmenin Liri Maltin (Lm7,783) – illum ekwivalenti ghal tmintax-il elf, mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€18,129.51), rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ zewg vetturi mibjugha u kkonsenjati mis-socjeta’ rikorrenti lis-socjeta’ intimata, flimkien mal-prezz

ta’ materjal u ta’ xogholijiet diversi forniti u ezegwiti fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju tal-istess socjeta’ intimata;

Nonostante interpellata sabiex tissalda dan id-debitu, anke permezz ta’ ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2005, is-socjeta’ intimata baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi;

Jezistu r-rekwiziti kollha stipulati f’Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta) stante, inter alia, illi l-ammont dovut mis-socjeta’ intimata lis-socjeta’ rikorrenti huwa cert, likwidu u li ghalaq, oltre li s-socjeta’ intimata ma ghandha l-ebda eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talbiet kif dedotti f’dan ir-rikors.

Talbet is-socjeta’ intimata tghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

Tipprocedi ghas-sentenza bid-dispenza tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Tikkundanna lis-socjeta’ intimata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma kumplessiva ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€18,129.51) ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-3 ta’ Gunju 2005, u bl-imghax dekorribbli mid-data tat-trasferiment tal-vetturi u tal-ezekuzzjoni tax-xogholijiet u fornitura tal-materjal, sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta’ intimata li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta’ April 2009, li permezz tieghu, il-Qorti akkordat lis-socjeta’ intimata ghoxrin jum ghall-prezentata tan-nota ta’ eccezzjonijiet.

Rat ir-risposta guramentata ta’ R.C. Construction Limited, li in forza taghha, eccepiet illi:

Is-socjeta' intimata ma hijiex debitrici tas-socjeta' rikorrenti, kif minnha allegat, u dana kif ahjar indikat waqt l-andament tal-kawza;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata ghamlet diversi xogholijiet ghas-socjeta' rikorrenti, liema xogholijiet gew pacjuti mal-kontijiet dovuti lill-istess socjeta' rikorrenti;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, iz-zewg partijiet kienu jahdmu bi shab flimkien fuq diversi progetti, u l-konteggi allegati mis-socjeta' rikorrenti jinkludu pagamenti ghal xogholijiet li saru bi shab;

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' intimata kienet tghaddi regolarment pagamenti fi flus kontanti lis-socjeta' rikorrenti, ghal-liema pagamenti ma kienx ikun hemm ricevuti, peress illi l-partijiet kienu jahdmu bi shab.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Frar 2011, fejn il-Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza fuq il-provi li kellha quddiemha dakinhar, stante li s-socjeta' intimata ma gabet ebda prova.

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Marzu 2011 fejn, fuq talba tas-socjeta' intimata, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza b'dana illi l-provi kellhom jingiebu fis-seduta li jmiss.

Rat li d-differiment tal-4 ta' Mejju 2011, tat-8 ta' Gunju u tat-18 ta' Ottubru 2011 ghaddew inutilment u ma ngabux provi.

Rat li, ghaldaqstant, il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi s-socjeta' rikorrenti, permezz tal-affidavit ta' Felix Mifsud u d-dokumenti mieghu annessi, irnexxielha

tipprova ghas-sodisfazzjon ta’ din il-Qorti illi hija tassew ghandha tiehu l-ammont ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€18,129.51) minghand is-socjeta’ intimata li ma ressqet ebda prova biex kontrastanti.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tikkundanna lis-socjeta’ R.C. Construction Company Limited thallas lil Improved Design Limited, is-somma ta’ tmintax-il elf, mija u disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u hamsin centezmu (€18,129.51).

L-ispejjez jithallsu minn R.C. Construction Company Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------